

Kwittanza 2009: L-Impriża Konġunta SESAR

1. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2009 (C7-0248/2010 – 2010/2188(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2009,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Kongunta¹,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2011 (05894/2011 – C7-0051/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej², u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)³, u b'mod partikulari l-Artikolu 4b tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁴ tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0124/2011),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2009;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;

¹ ĠU C 342, 16.12.2010, p. 30.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12.

⁴ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur tal-Impriża Konġunta SESAR, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

2. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2009 (C7-0248/2010 – 2010/2188(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2009,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Kongunta¹,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2011 (05894/2011 – C7-0051/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej², u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 u r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)³, u b'mod partikulari l-Artikolu 4b tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁴ tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0124/2011),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2009;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

¹ ĠU C 342, 16.12.2010, p. 30.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12.

⁴ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2009 (C7-0248/2010 – 2010/2188(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2009,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2009, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Kongunta¹,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2011 (05894/2011 – C7-0051/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej², u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)³, u b'mod partikulari l-Artikolu 4b tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta SESAR adottat mill-Bord Eżekuttiv tiegħu fit-28 ta' Lulju 2009 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Regolament Finanzjarju SESAR"),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002⁴ tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0124/2011),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri ddikjarat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2009 huma affidabbli, u li l-operazzjonijiet li sottostanti huma legali u regolari,

¹ ĠU C 342, 16.12.2010, p. 30.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12.

⁴ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- B. billi l-Impriża Konġunta SESAR twaqqfet fi Frar 2007 bil-għan li tħaddem il-programm Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku fl-Ajru Uniku Ewropew (SESAR),
- C. billi l-Impriża Konġunta tinsab fil-fażi tagħha ta' tnedija u kienet għadha ma stabbilixxietx bis-sħiħ il-kontrolli interni tagħha u s-sistemi tagħha ta' informazzjoni finanzjarja sa tmiem l-2009,
- D. billi l-Impriża Konġunta hija s-sid tal-assi kollha tanġibbli u mhux tanġibbli maħluqa minnha jew li jiġu trasferiti lilha għall-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR, b'konformità mal-ftehim speċifiku milħuq mal-membri tagħha,
- E. billi f'April 2010 il-Qorti tal-Awdituri ppreżentat l-Opinjoni Nru 2/2010 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta SESAR,
 - 1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-kontijiet tal-Impriża Konġunta għall-2009 huma affidabbli u t-tranżazzjonijiet sottostanti, jekk jitqiesu komplessivament, huma legali u regolari;
 - 2. Jinnota li l-Impriża Konġunta rċeviet EUR 55 000 000 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 27 689 788 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mill-baġit tal-Unjoni għall-2009;

Implimentazzjoni tal-baġit

- 3. Jinnota li l-baġit finali tal-Impriża Konġunta għall-2009 kien jinkludi EUR 325 000 000 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 157 000 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet; jagħraf ukoll li r-rati ta' użu tal-approprijazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet kienu ta' 97.1 % u 43.2 % rispettivament;
- 4. Jirrikonoxxi li l-Impriża Konġunta għadha fil-perjodu tal-bidu meta jitqies li r-Regolament (KE) Nru 1361/2008, li jimmodifika l-att bażiku tal-Impriża Konġunta SESAR (KE) Nru 219/2007, ġie adottat biss fis-16 ta' Diċembru 2008;
- 5. Jinnota li d-depożiti tal-bank fl-aħħar tas-sena, li jammontaw għal EUR 86 800 000, jirrappreżentaw ksur tal-prinċipju baġitarju tal-ekwilibrju;
- 6. Iqis li hu importanti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet skont liema, jekk il-bilanċ tal-kont tar-riżultat ekonomiku jkun pożittiv, għandu jiddaħħal fil-baġit tal-Impriża Konġunta dis-sena finanzjarja ta' wara sabiex tiġi speċifikata l-applikazzjoni ta' din id-deroga mill-prinċipju baġitarju ġenerali ta' ekwilibrju;
- 7. Hu mħasseb li sistema ta' ġestjoni integrata, tippermetti l-allokazzjoni ta' spejjeż għal pakketti ta' xogħol speċifiċi u l-identifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament tal-ispejjeż operattivi, kienu għadhom ma daħlux fit-test sa Diċembru 2009;
- 8. Jitlob li mal-baġit ta' kull sena jiġi mehmuż rapport speċjali dwar il-bilanċ mhux minfuq trasferit minn snin preċedenti, li jispjega għalfejn dawn l-approprijazzjonijiet imsemmija ma ntużawx, u kif u meta se jintużaw;

Kontribut tal-Membri

- 9. Jitlob lill-Impriża Konġunta tarmonizza l-preżentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tal-

membri fil-kontijiet taħt il-gwida tal-Kummissjoni;

10. Jitlob lill-Impriża Konġunta tiżviluppa iktar, fir-Regoli ta' Implimentazzjoni tagħha, l-Artikoli 97 u 98 tar-Regoli Finanzjarji SESAR b'dispożizzjonijiet dwar sħubija u kofinanzjament, partikolarment:
 - l-arranġamenti għall-adeżjoni ta' membri ġodda,
 - il-kontribuzzjonijiet in natura mingħand membri,
 - it-termini u l-kundizzjonijiet li skonthom l-Impriża Konġunta tista' tivverifika l-kontribuzzjonijiet tal-membri,
 - il-kundizzjonijiet skont liema l-Bord Amministrattiv jista' japprova l-kofinanzjament ogħla mir-rata massima standard ta' 50%;

Sistemi ta' kontroll intern

11. Iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta tlesti l-implimentazzjoni tas-sistemi tagħha ta' kontroll intern u ta' informazzjoni finanzjarja;
12. Jilqa' s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri li ttieħdu passi importanti fl-2009 għall-ħolqien ta' sistemi ta' kontroll iżda jesprimi tħassib li għodda integrata għall-ġestjoni tal-informazzjoni finanzjarja, baġitarja u operattiva kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ sal-aħħar tas-sena; jinnota t-tweġiba tal-Impriża Konġunta li s-sistemi finanzjarji kienu daħlu fis-seħħ sa' Mejju 2010;
13. Jitlob lill-Impriża Konġunta tinkludi fir-Regoli Finanzjarji tagħha, referenza speċifika għas-setgħat tas-Servizz ta' Verifika Interna (IAS) bħala l-awditur intern tagħha, abbażi tad-dispożizzjoni stabbilita fir-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-entitajiet tal-Komunità;
14. Iqis li, b'mod partikolari li r-rwol tal-IAS bħala l-awditur intern għandu jkun li jagħti parir lill-Impriża Konġunta dwar kif għandha tittratta r-riskji, billi joħroġ opinjonijiet indipendenti dwar il-kwalità tas-sistemi ta' amministrazzjoni u ta' kontroll u billi toħroġ rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet u għall-promozzjoni ta' amministrazzjoni finanzjarja soda; iqis li huwa essenzjali li l-Impriża Konġunta tippreżenta rapport lill-awtorità tal-kwittanza, li jkun imħejji mid-direttur tagħha u li jiġbor fil-qosor l-għadd u t-tip ta' verifiki interni li jkunu saru mill-awditur intern, ir-rakkomandazzjonijiet li jkunu saru u l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu rigward dawn ir-rakkomandazzjonijiet;
15. Huwa tal-fehma li, minħabba d-daqs tal-baġit tagħha u l-kumplessità tal-kompiti tagħha, l-Impriża Konġunta għandha tistabbilixxi kumitat ta' verifika, li jirrapporta direttament lill-Bord Amministrattiv;

Regolament Finanzjarju

16. Jagħraf li wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1361/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007, il-Bord Amministrattiv adotta r-Regoli Finanzjarji SESAR il-ġodda fit-28 ta' Lulju 2009; iqis li dawn ir-regoli huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq il-prinċipji tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas minkejja li hu tal-opinjoni li jista'

jsir iktar titjib rigward:

- l-eċċezzjonijiet għall-prinċipji baġitarji,
- ir-rwol tas-Servizz tal-IAS,
- l-istabbiliment ta' kumitat ta' verifika,
- dispożizzjonijiet rigward l-iskubija ta' SESAR.